MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 569/2001/1

**Antonia Savasta u b'digriet tad-9 ta' Jannar 2006 Maria Dolores Saliba assumiet l-atti stante l-mewt ta' ommha Antonia Savasta li sehhet fil-mori tal-kawza.**

**v.**

**Avukat Generali ghall-Gvern ta' Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Antonia Savasta li jaqra hekk:

“Illi hi tgħix fid-dar ta’ Carmelo Saliba flimkien ma’ bintha Maria Dolores Saliba nee’ Savasta ġo “White Lily”, New Street in St. Anthony Street, Żabbar.

“Illi sar *raid* ġod-dar fejn hi tabita u f’dan ir-*raid*, fost affarijiet oħra, ġew elevati ħamest elef, mitejn u għaxar liri maltin (Lm5,210) liema flus ġew elevati minn taħt is-saqqu tagħha tas-sodda li fuqha torqod hi.

“Illi dawn il-flus, li huma proprjeta` tagħha, ġew esebiti l-Qorti, flimkien ma’ ħafna oġġetti oħra li m’humiex proprjeta` tagħha.

“Illi l-proċeduri kriminali li ttieħdu sussegwenti l-imsemmi *raid* illum ġew konklużi b’sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta’ Jannar, 2001 Att ta’ Akkuża 11/2000 “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Aldo Saliba et” li, *inter alia* ordnat il-konfiska ta’ l-oġġetti kollha esebiti, fosthom il-flus proprjeta` tal-esponenti.

“Illi dawn il-flus li l-esponenti, mara anzjana, bil-għaqal irnexxielha ġġemma m’humiex profitt dirett jew indirett minn għemil ta’ xi reat kontemplat fl-ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101.

“Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett li, in vista tal-premess, dina l-Qorti jogħġobha;

“1. tiddikjara li l-flus fuq imsemmija, konfiskati bis-sentenza fuq ċitata, huma proprjeta` esklussiva tal-esponenti u m’humiex profitt jew dħul mir-reati kontemplati fil-Kap 101.

“2. konsegwentement tordna r-revoka ta’ l-ordni tal-konfiska fuq l-istess flus tal-esponenti, u

“3. tagħti kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun biex l-esponenti tiġi formalment rikonuxxuta l-leġittima proprjetarja tal-flus fuq imsemmija.”

Rat ir-risposta tal-intimat (fol. 10) li in forza taghha eccepixxa illi;

"Illi r-rikors promotur jikkontjeni ħafna allegazzjonijiet rigward il-provenjenza tal-flus li bihom allegatament ir-rikorrenti xtrat il-proprjeta` konfiskata.

"Iżda dawn jibqgħu biss allegazzjonijiet in kwantu mentri l-liġi tipprovdi li r-rikorrenti għandu b'sostenn tat-talba tiegħu jehmeż mar-rikors id-dokumenti kollha produċibbli u għandha tagħti l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun fi ħsiebha iġib u tgħid dwar kull wieħed il-prova li jkunu bi ħsiebu jagħmel, minn dan kollu r-rikorrenti m'għamlet xejn.

"Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti in kwantu l-oġġetti kollha konfiskati in forza tas-sentenza msemmija nxtraw minn profitti jew dħul mill-għemil ta' reat taħt il-Kap. 101."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Marzu 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi r-rikorrenti, issa mejta, talbet illi jiġu rilaxxati favur tagħha somma flus u cioe` ħamest elef, mitejn u għaxar Liri Maltin (Lm5,210) li kienu ġew konfiskati fil-kors ta' proċeduri kriminali kontra Aldo Saliba u oħrajn. Jirriżulta li l-imsemmija Antonia Savasta kienet tiġi n-nanna materna tal-akkużati u kien sar *raid* mill-Pulizija fid-dar ta' omm l-akkużati li tiġi bint ir-rikorrenti. Waqt il-perkwiżizzjoni saret tfittxija fis-sodda li kienet torqod fuqha r-rikorrenti u nstabet is-somma msemmija flimkien ma' mapep tal-kontinent Ewropew.

"Il-proċeduri odjerni għalhekk qed isiru ai termini tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

"Ir-rikorrenti kienet xehdet fis-6 ta' April, 2001 f'darha fejn qalet li tgħix ma' bintha f'dik id-dar Ħaż Żabbar; kellha tlieta u tmenin (83) sena u żewġha kien miet ta' erbgħa u

sittin (64) sena u kien suldat. Qalet ukoll "*Jien kont hawn meta ġew il-pulizja u elevaw ħafna affarijiet. Il-pulizija kienu qed ifittxu isfel d-dar tiegħi u peress li jiena norqod isfel is-sodda tiegħi qegħda isfel fil-kamra tal-pranzu. Minn mindu jien kont nirċievi l-pensjoni kont inġemma flus tal-pensjoni jiġifieri dawn il-flus illi għadni kif semmejt. Peress li jiena ngħix mat-tifla ma nonfoqx spejjeż ta' l-ikel peress li titmani t-tifla. Dawn il-flus kont inżommhom biex jekk niġi nieqsa u t-tifla ma jkollhiex flus, it-tifla jkollha flus biex tagħmilli funeral. Jien kont inqegħdom taħt is-saqqu, kont inqegħdhom f'envelope. Anke jekk ġie li t-tifla ma kienx ikollha flus kont naqbad u nagħtiha xi ħaġa. Jien kont għedtilhom li dawn kienu flus tiegħi.*" Bintha Doris Saliba ikkonfermat dan u qalet li lil ommha ma kienitx teħodilha flus għalkemm kienet iżżommha magħha u titmagħha.

"Ir-rikorrenti kif gia` ingħad mietet fil-mori tal-kawża u fit-testment tagħha esebit a fol. 60 tal-proċess ħalliet lill-imsemmija Doris Saliba il-legat tas-somma konfiskata bħala ħlas ta' serviġi resi.

"Il-liġi msemmija tagħti fakolta` permezz ta' l-Artikolu 22Ċ lill-*persuna misjuba ħatja, jew it-terza persuna msemmija fil-paragrafu (d) tal-Artikolu 22 3A* biex *tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjeta` jew kull proprjeta` mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profit jew dħul mill-għemil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza, lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament minn jew peremezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.*

"Il-Qorti tirrileva li f'każ bhal dan huwa r-rikorrenti illi għandu jipprova dak li qed jallega u cioe` li l-proprjeta` konfiskata hija tiegħu u mhux derivanti mill-attivita` kriminali in kwistjoni. *Il-proviso ta' l-Artikolu 22 (3) tal-Kapitlu 101 għandu jiġi interpretat fis-sens illi l-Qorti għandha tordna l-konfiska tal-proprjeta` sakemm ma jiġix pruvat li din il-proprjeta` tappartjeni lil terzi li ma jkunux ġew misjubin ħatja.* (Pulizija vs Demicoli – Appell Kriminali – 14 ta' Frar, 1997). Naturalment billi f'dan il-każ ir-rikorrenti ma kienitx il-persuna indizjata u akkużata, kull ma kellha tagħmel hija li tipprova li l-flus maqbuda kienu tagħha.

“Il-Qorti ma tħossx li fiċ-ċirkostanzi, il-verżjoni tar-rikorrenti hija verosimili għal diversi raġunijiet. L-ewwelnett il-Qorti ma temminx li bint ir-rikorrenti kienet iżżommha magħha u titmagħha u tħalliha fl-istess ħin iżżomm il-pensjoni kollha għaliha. Il-Qorti tħoss li għandha biżżejjed esperjenza tal-ħajja biex ma tniżżilx din l-ispjegazzjoni. Jekk ir-rikorrenti kienet tgħix magħha, hija ħaġa ċerta li l-pensjoni kienet teħodha hi għall-bżonnijiet ta’ ommha. Għalhekk żgur li r-rikorrenti ma kellhiex il-mezzi biex iġġemmahom. Barra minhekk il-mod kif instabu l-flus ukoll jissuġġerixxu li l-akkużati li huma wlied bint ir-rikorrenti kienu ħbew parti żgħira mill-qligħ li kienu għamlu mill-attivita` kriminali tagħhom f’post relattivament żgur u dan huwa kkonfermat mill-fatt li mal-flus instabu xi mapep tal-Ewropa li kienu jindikaw b’mod dettaljat it-toroq u l-ismijiet tagħhom - u dawn żgur li ma kienux tar-rikorrenti. Il-fatt li jirriżulta li l-akkużati kienu jgħixu fl-istess dar issaħħaħ il-fehma tal-Qorti.”

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, billi jigu milqugha t-talbiet kollha taghha, bl-ispejjez kontra l-intimati appellati.

Rat ir-risposta tal-appell tal-intimat Avukat Generali li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti tichad l-appell tal-appellanti u tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti;
Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-16 ta’ April 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi dawn huma proceduri li ttiehdu wara proceduri kriminali li nfethu kontra Aldo Saliba, Alex Saliba u Carmel Saliba, fost ohrajn, fuq importazzjoni, pussess u traffikar tad-droga bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. B’sentenza moghtija mill-

Qorti Kriminali fit-8 ta' Jannar, 2001, l-imsemmija tlett persuni nstabu hatja (bhala principal u/jew assocjati) tal-akkuzi dedotti kontra taghhom u dan wara l-ammissjoni tal-persuni akkuzati. Il-Qorti, apparti li imponiet il-piena li dehrilha kienet meqjusa fic-cirkostanzi tal-kaz ordnat ukoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti fit-terminu tal-Artikolu 22(3A)(c) u (d) tal-istess Kap. 101. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

"(3A) Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet hatja jkun xi wiehed mir-reati msemmija fis-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 24A il-Qorti ghandha, b'zieda ma' kull piena ohra, fis-sentenza taghha jew f'kull zmien wara, fuq talba tal-prosekuzzjoni,

…………

"(c) bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali u ta' l-Ordinanza tad-Dwana, taghmel ordni li bih id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (a) u (b) ta' dan is-sub-artikolu jigu applikati *mutatis mutandis* ghal jew dwar xi bicca tal-bahar jew vettura, f'Malta jew f'xi post barra minn Malta, uzata biex tinzamm jew tinhazen jew biex tinbiegh jew tigi traffikata dik il-medicina; u

"(d) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli ohra, u tal-proprjeta` immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba hatja wkoll jekk il-proprjeta` immobbli minn meta l-hati jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta` mobbli jew proprjeta` immobbli jkunu qeghdin f'xi post minn Malta."

Ir-rikorrenti f'dawn il-proceduri qed titlob li l-ordni ta' konfiska, in kwantu tolqot oggetti indikati fl-att promotorju, tigi mhassra, u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 22C tal-istess Kap. 101, fis-sens li gej:

"22C. (1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taht il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (3A) tal-Artikolu 22 ta' din l-Ordinanza, il-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni ghal

dikjarazzjoni li xi proprjeta` jew kull proprjeta` mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn Qorti tal-Gustizzja Kriminali) lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.

"(2) Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b'rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili mhux iktar tard minn tlett xhur mid-data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konkluziva.

"(3) Ir-rikorrent ghandu b'sustenn ghat-talba tieghu, jehmez mar-rikors id-dokumenti kollha li hu jkun jista' jipproduci u ghandu jaghti fir-rikors tieghu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi hsiebu jgib, fejn ighid dwar kull wiehed il-prova li jkun bi hsiebu jaghmel."

L'oneru tal-prova, dejjem sal-grad ta' probabbilita`, hu mixhut fuq ir-rikorrent, li ghandu l-obbligu jipprova li l-oggett minnu indikat ma jkunx rizultat tar-reat li tahtu jkun instab hati l-akkuzat, u dan kif spjegat fl-istess ligi. Mhux daqshekk importanti lil min jappartjeni l-oggett partikolari, izda dak li jrid jigi muri hu li l-oggett bl-ebda mod, la direttament jew indirettament, ma ghandu xi forma ta' konnessjoni mar-reat taht dik l-Ordinanza jew mal-lucri ta' dak ir-reat.

Issa, f'dan il-kaz, ir-rikorrenti qed titlob li tinghata lura s-somma ta' Lm5,210 (jew €12,136.04) li gew elevati mill-Pulizija waqt *raid* li ghamlu fid-dar tar-residenza taghha.

L-ewwel Qorti cahdet din it-talba tar-rikorrenti wara li qieset li ma giex ippruvat li dawn il-flus ma kienux rizultat tal-attivita` kriminali li fiha t-tfal ta' bintha kienu involuti. Ir-rikorrenti tigi omm Doris (jew Maria Dolores) Saliba, li *a sua volta* tigi omm Aldo u Alex u mart Carmel Saliba li kienu nstabu hatja ta' reati in konnessjoni mat-traffikar tad-droga. Ir-rikorrenti kienet tghix fid-dar "White Lilly",

Triq gdida fi triq Sant'Antnin, Zabbar, flimkien ma' bintha u zewgha u wlieda.

Ir-rikorrenti, jew ahjar bintha l-eredi taghha, peress li r-rikorrenti mietet fil-mori tal-kawza, appellat bl-aggravju jkun li dawn il-flus kienu taghha li gemmghat mill-pensjoni taghha. Kif inghad aktar qabel, li r-rikorrenti trid turi hu mhux biss li l-flus huma taghha, izda u fuq kollox li mhumiex provenjenti mir-reat.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi prodotti, hi inklinata li taqbel mal-ewwel Qorti li r-rikorrenti ma rnexxiliex turi li l-flus huma taghha u mhux marbuta mar-reat ta' traffikar ta' droga. Din il-Qorti rat diversi cirkostanzi li jimilitaw kontra t-tezi tar-rikorrenti, u dan oltre l-kummenti tal-ewwel Qorti li jidhru f'waqthom. Meta sar ir-*raid* fid-dar taghha mill-Pulizija, ir-rikorrenti kienet fis-sodda, u giet mitluba tqum mis-sodda biex issir tfittxija taht is-saqqu; hi riedet tqum, izda r-rikorrenti odjerna Doris Saliba, ma rieditx li ommha tqum mis-sodda u ghamlet oggezzjoni qawwija ghal dan. Eventwalment l-anzjana qamet mis-sodda, u meta l-Pulizija refghu s-saqqu sabu l-flus ippakjati puliti b'*rubber band* u erba' mapep tal-Ewropa, bl-ismijiet tat-toroq ta' Franza, l-Svizzera u l-Germanja. L-anzjana ma kkumentat xejn meta rat il-mapep u l-flus; anzi fi kliem P51574 Renaldo Cremona (fol. 63) "l-anzjana baqghet thares lejhom". Lanqas ma opponiet meta l-pulizija qalulha li l-flus u l-mapep kienu se jigu elevati, u kien biss meta Doris Saliba, interveniet u qalet li l-flus kienu ta' ommha, li Antonia Savasta irreagixxiet u qalet li l-flus kienu taghha. Inoltre, ghalkemm l-anzjana qalet li l-flus tal-pensjoni ma kienitx tpogihom fil-bank, ma ressqet ebda prova ta' dan.

Din il-Qorti tara li l-komportament globali ta' Antonia Savasta u bintha Doris Saliba filwaqt tar-*raid* mill-pulizija, jindika li l-anzjana, fil-fatt, ma kienitx taf bl-ezistenza tal-flus u l-mapep taht is-saqqu, u kollox jindika li dawn kienu parti mic-cirku tal-attivita` illecita li kienet qed twettaq l-familja Saliba mill-istess dar.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrenti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------